Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 27/2017

**Elmo Insurance Limited hekk kif surrogata kemm bil-polza tal-assikurazzjoni u kemm bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mario Delia kif ukoll l-istess Mario Delia (appellanti)**

**Vs**

**Fouzia Gauci (appellata)**

30 ta' Lulju, 2018

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fit-3 ta' Frar, 2016 bejn il-vettura EBN-479 li kienet qeghda ssuq il-konvenuta u MRD-001 li kien qieghed isuq l-attur. L-ammont mitlub kien ta' erba' mitt ewro (€400).

2. Il-qorti ser ticcita dik il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg li fiha r-ragunament li wassal lit-Tribunal biex jichad it-talba tal-atturi:

*"Jidher li hawn kuntrast totali fil-verzjonijiet fattwali. Ir-rikorrent jallega illi l-intimata hargitlu minn Triq tal-Handaq waqt li hu kien qed isuq ghad-dritt fi Triq l-Imdina. Hu jallega li harget minn fuq stop sign, u dahlet go fih. L-intimata tikkontradici dan u tghid li hi kienet ilha tiela' ghad-dritt fuq Triq l-Imdina meta ghal xi raguni ir-rikorrent saq go fiha, fis-sens li invada il-karreggata taghha.*

*L-arbitru dejjem kien u jibqa' tal-fehma illi qajla ghandu jemmen verzjonijiet li ma tantx jaghmlu sens. F'dan il-kuntest ghalhekk isibha naqra difficli jemmen il-verzjoni tal-intimata illi r-Rikorrent qabad u dahal go fiha meta kien qed isuq ma' gembha, u dan minghajr ebda raguni. B'danakollu l-epsonent irid ukoll jivvaluta dawk il-fatt inkontestabbli li ghandu quddiemu. F'dan il-kaz hi hasra illi l-vetturi kellhom jitnehhew mill-pozizzjoni li waqfu fiha minhabba xkiel ghat-traffiku, ghaliex li kieku kien hemm skizz, u ritratti li juru l-posizzjonijiet b'certa ezattezza, dan seta' jghin.*

*B'dana kollu jidher li hemm fatt wiehed li jidher li hu inkonfutabbli. Il-marki mal-art riportati fir-ritratt 4/7 fuq l-Etars, juru ill il-vettura tal-intimata tidher li hi ippuntata dritt 'l quddiem, kompletament fuq il-karreggata ta' gewwa tat-triq filwaqt illi l-marki l-ohrajn, tal-karozza tar-Rikorrenti jidhru li jindikaw li anki dan kien ghad-dritt ippuntat 'l fuq, izda jokkupa spazju f'nofs it-triq fuq iz-zewg karreggati.*

*Dan l-accertament jidher li issorreggi l-verzjoni tal-intimata iktar milli dik tar-Rikorrent. Sabiex l-incident sehh kif qal ir-Rikkorrent, kien ikun mistenni li dan kien qed isuq il-karreggata ta' gewwa. Ukoll kien ikun mistenni li jekk l-intimata hargitlu minn triq li qeghda perpendikolari mat-triq li kien qed isuq fuqha, dim a kinitx tispicca karabun mal-gemb tat-triq imma tispicca b'xi mod angolata lejn in-nofs, minkejja li qalet li gibdet lejn ix-xellug bil-hasda. Jidher ukoll illi f'cirkostanzi kongruwi anki l-karozza tar-Rikorrent ma kinitx tispicca thares direttament 'l*

*quddiem imma tispicca tipponta lejn il-lemin, kemm minhabba d-daqqa nnifisha, kif ukoll minhabba li r-Rikorrent ikun gibed xi ftit lejn il-lemnin biex jevita l-impatt.*

*L-esponent jaccetta illi dawn huma supposizzjonijiet li jitnisslu mill-esperjenza tieghu f'dan il-qasam, u jammetti li xejn mhu cert minn dak li qed jinghad, ghaliex il-varjabilitajiet f'dawn l-eventi huma infiniti.*

*Izda filwaqt illi l-esponent jipprova kemm jista' jkun li ma jistriehx fuq il-massima actore non probante, reus absolvitur, wiehed xi kultant irid jaqa' ghal din is-soluzzjoni, meta l-provi jkunu approssimattivi u indizjarji.*

*Ghalhekk fic-cirkostanzi, l-arbitru jsib illi r-Rikorrent ma wasalx li jipprova l-verzjoni tieghu, u ghalhekk tirbah il-verzjoni tal-intimata. Jidher li ladarba z-zewg vetturi spiccaw it-tnejn ippuntati 'l quddiem, dawn kienu aktar qeghdin jinstaqu hekk, u meta gew parrilja ma' xulxin, ghal xi raguni mhux maghrufa, forsi minhabba distrazzjoni ta' moment, ir-Rikorrent gibed ghal fuq l-intimata.*

*Bhala punt ta' dritt, ma tantx jista jkun hemm dubju li ladarba jidher li r-Rikorrent qasam minn lane ghall-ohra minghajr ma ha prekawzjonijiet debiti, dan iwassal ghall-konkluzjoni li hu stess ikkawza l-incident"*.

3. B'rikors prezentat fid-29 ta' Mejju, 2017 l-appellant appella mid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg. L-aggravju hu dwar l-apprezzament tal-provi. L-appellant isostni li t-Tribunal naqas milli jaghti importanza l-hsara li saret fuq iz-zewg vetturi. Hsara li fil-fehma tieghu turi b'mod car li l-impatt sehh meta l-appellata, *"…. Kienet ghadha kemm harget mis-side street u li kieku l-verzjoni moghtija minnha kellha mis-sewwa, kieku d-danni kienu jkunu mal-genb tal-vettura u mhux mal-kantuniera ta' quddiem tan-naha tax-xufier"*.

4. Hu fatt maghruf li qorti ta' revizjoni m'ghandhiex facilment tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar fid-decizjoni li tkun giet appellata. Il-*fact finder*, f'dan il-kaz it-Tribunal tal-Arbitragg, ghandu diskrezzjoni wiesa' fl-apprezzament tal-provi. Wara li l-qorti qrat l-atti m'ghandha l-ebda dubju li f'dan il-kaz mhemmx raguni li tista' twassalha biex tikkonkludi li t-Tribunal tal-Arbitragg ma kellu qatt jichad it-talba tal-atturi.

5. It-Tribunal tal-Arbitragg sema' x-xhieda u aghmel analizi tal-provi kollha li kellu quddiemu. Gustament it-Tribunal ta hafna piz ghal dak li jidher fir-ritratt tal-eTARS li juri l-marki tal-posizzjoni tal-vetturi fit-triq fejn sehh l-incident. Il-qorti taqbel perfettament mar-ragunament tat-Tribunal. Mill-provi li tressqu quddiemu t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni tieghu. Il-posizzjoni tal-vetturi fit-triq kif instabu mill-warden, hi fiha nnifisha ndizju ta' kontra l-verzjoni tal-appellant. Dan iktar u iktar meta mhemmx provi li kif sehh l-impatt, il-konvenuta kompliet issuq il-vettura u kien dak li wassal biex il-vettura taghha tispicca dritta fit-triq principali. Fil-fatt kull ma xehed Delia kien:

*"Kont qed insuq il-Land Rover MRD 001 fit-triq li taghti minn Hal-Qormi lejn Haz-Zebbug. Mument minnhom id-driver l-ohra hargitli mix-xellug tieghi mit-Triq ta' Tal-Handaq ghal*

*quddiemi. Ppruvajt nibbrajkja u nigbed lejn il-lemin imma ghal xejn. Ilqattha bil-pinna tax-xellug ta' quddiem tieghi u fuq il-mudguard tal-lemin ta' quddiem taghha. Nikkonferma l-verzjoni li tajt lil warden".*

6. Ghal dak li jirrigwarda d-danni l-appellanti jsostnu li l-hsarat li garrbu l-vetturi, huma prova fihom infushom li kienet il-konvenut li harget minn triq sekondarja ghal triq principali. Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Dan kien incident li fih il-vettura tal-appellant sofriet hsara minima. Il-qorti hi tal-fehma li l-indizju li fuqu t-Tribunal ibbaza d-decizjoni, hi prova iktar b'sahhitha li xxejjen il-verzjoni li ta Delia. Li kieku l-incident sehh bil-mod li ddeskriva l-appellant, il-qorti ssibha ferm difficli temmen li l-vetturi kienu jispiccaw fil-posizzjoni li spjega t-Tribunal. Meta tikkunsidra l-hsara biss li saret fuq iz-zewg vetturi, jibqa' element ta' incertezza. Dan ghandu jimmilita kontra r-revoka tas-sentenza tat-Tribunal tal-Arbitragg.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-appellanti jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn**.

Anthony Ellul.